MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 451/2010

Jesmond Pulis

Vs

Awtorita ghat-Trasport Malta

Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 3928/10 tat-22 ta' Settembru 2010

## Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur tar-rikorrent Jesmond Pulisipprezentat fit-28 ta' Ottubru 2010 illi espona s-segwenti:-

1. Fit-28 ta' Settembru 2010, l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali intavolta ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, meritu ta' dawn il-proceduri fejn huwa

gie interpellat sabiex, fi zmien tletin gurnata minn-notifika, ihallas lill-Awtorita:-
a. €837.15 rapprezentanti drittijiet tal-licenzja dovuti mill-1 ta' Jannar 2003 sal-lum;
b. €668 rapprezentanti multa amministrattiva
c. €2,200.92 rapprezentanti kontravenzjonijiet mhux imhallsa.

2. L-esponenti, a tenur ta' l-artikolu 57(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, oggezzjona ghall-ittra ufficjali surriferita u dan ghar-ragunijiet illi sejrin jigu esposti hawn aktar l'isfel.

a. Fl-ewwel lok, l-Awtorita intimata trid tindika b'mod car b'liema huwa dak l-ammont illi dwaru, permezz tal-ittra ufficjali meritu ta' dawn il-proceduri, hija qieghda tipprova tottjeni titolu ezekuttiv;

b. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u salv kwalunkwe dikjarazzjoni illi l-Awtorita intimata tista' taghmel waqt is-smigh ta' dan ir-rikors, it-talba ghall-hlas ta' l-ammont ta' €837.15 ghandha tigi michuda stante illi kwalunkwe licenzja ta' vettura hija intrinsikament marbuta mal-hlas ta' polza ta' assikurazzjoni fuq l-istess vettura. Ghalhekk, gialadarba l-istess assikurazzjoni ma giet affettwata, hekk kif gara fil-kaz de quo, qatt ma setghet tinhareg licenzja fuq il-vettura meritu ta' dawn il-proceduri.

c. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u salv ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni illi l-Awtorita intimata tista taghmel waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, it-talba ghall-hlas tal-ammont ta' €668 ghandha tigi michuda ghall-istess raguni esposta fil-paragrafu precendenti; inoltre, huwa ghal kollox abbusiv illi tigi kkalkolata multa b'mod retroattiv minghajr ma qatt kien hemm notifika tal-istess lill-esponenti.

d. Fir-raba lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost u salv ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni illi l-Awtorita intimata tista taghmel waqt is-smigh ta' dan ir-rikors, it-talba ghall-

hlas ta’ l-ammont ta’ €2,200.92 ghandha tigi michuda stante illi l-vettura meritu ta’ dawn il-proceduri ilha ma tintuza fit-triq ghal snin twal.

e. Fil-hames lok, it-talbiet kollha ta’ l-Awtorita intimata ghandhom jigu michuda stante illi fit-30 ta’ Mejju 2003, l-esponenti gie inibit, permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni Nru 873/2003, milli jittrasferixxi taht kwalsiasi titolu l-vettura meritu ta’ dawn il-proceduri. Kwalumkwe tentattiv tal-esponenti illi jezimi ruhu minn kull responsabbilta’ versu l-Awtorita intimata, b’effett tal-istess mandat, kien inutili.

Ghar-ragunijiet premessi, l-interpellanzi ta’ l-Awtorita intimata, maghmulha permezz tal-ittra ufficjali surriferita ghandhom jigu respinti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti, filwaqt illi qieghed, ai termini tal-artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, joggezzjona ghall-ittra ufficjali surriferita u dan ghar-ragunijiet premessi, umilment jitlob lill dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara nulla u bla effett it-talba maghmulha mill-Awtorita intimata permezz tal-ittra ufficjali numru 3928/2010 meritu ta’ dawn il-proceduri.

B’riserva ghal kull dritt spettanti lill-esponenti u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f’Malta datata 15 ta’ Novembru 2010 fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti rrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmulha minnu fir-rikors tieghu.

2. Fit-tieni lok, jinghad li l-uniku ammont li qieghed jigi reklamat mill-Awtorita intimata a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kap 65 huwa dak indikat fl-ittra (a) fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur. Fir-rigward ta l-ammont l-ohra (dawk immarkati bl-ittri (b) u (c) fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur), l-Awtorita intimata wissiet lill-istess rikorrenti li dawna huma dovuti. Pero ma interpellatux biex

ihallashom fil proceduri odjerni. L-ittra ufficjali spedita, fil-fehma ta’ l-Awtorita intimata, kienet cara bizzejjed biex ma jkunx hemm din il-konfuzjoni li qieghed jallega r-rikorrenti fit-tieni paragrafu tar-rikors tieghu.

3. Fit-tielet lok, mhux minnu la legalment u lanqas fattwalment dak allegat fir-raba paragrafu tar-rikorrenti. Mhux minnu li l-licenzja ta’ vettura hija intrinsikament marbuta mal-hlas tal-polza ta’ l-assikurazzjoni.

4. Fir-raba lok, u b’referenza ghall-hames u s-sitt paragrafi tar-rikors promotur, dawn l-ammonti ma intalbux permezz ta’ l-ittra ufficjali numru 3928/10. Ir-rikorrenti gie biss imwissi bl-esistenza ta’ dawn l-ammonti. L-uniku haga li intalbu kienu d-drittijiet ta’ licenzja dovuti mill-1 ta’ Jannar 2003 sal-lum, liema drittijiet jammontaw ghall €837.15. F’kull kaz, l-allegazzjonijiet maghmulha mir-rikorrenti ghar-rigward tal-multa amministrattiv hija fattwalment u legalment skorretta u dana kif jista jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

5. Illi, ghar-rigward tal-Mandat ta’ Inibizjjoni menzjonat, u cioe dak li jgib in-numru 873.03, l-Awtorita’ ma taf xejn dwaru u ma ghandha x’taqsam xejn mieghu.

6. Illi, f’kull kaz, r-rikorrenti naqas milli jaghti l-avviz mehtieg sabiex jinforma lill-Awtorita’ li l-vettura tieghu ma kienetx ghadha fil-pussess tieghu jew inkella kif jghid l-istess rikorrenti ‘l-vettura meritu ta’ dawn il-proceduri ilha ma tintuza fit-triq ghal snin twal’. Illi ghalhekk, galadarba huwa ma ikkonfromax ruhhu mal-ligi, issa ma jistax jitlob il-protezzjoni ta’ l-istess. Ir-rikorrenti seta facilment, jekk dan huwa l-kaz, jinforma lill-Awtorita intimata b’dan il-fatt, haga li ma jirrizultax li ghamel. Ghaldaqstant, l-ammont rikjest fl-ittra ufficjali huwa dovut.

7. Illi, ghalhekk, galadarba ma hemm xejn minn dan kollu, u gia ladarba l-Awtorita intimata ma inghatax l-avviz rikjest mill-Ligi, r-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-Ligi

Ghaldaqstant, l-Awtorita intimata talbet bir-rispett lill dina l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal-ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti

Rat ix-xhieda quddiem dina il-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-11 ta' Frar 2011.

Ir-rikorrenti, **Jesmond Pulis**, fix-xhieda tieghu, stqarr illi il-vettura meritu tal-proceduri odjerni hija tow truck tad-ditta Ford Cargo, bin-numru ta' registrazzjoni XTC 100, liema vettura ilha ma tintuza fuq it-triq peress illi ma hijiex viabbli, u dina ilha ma tintuza minn madwar is-sena 2002 jew 2003. Peress illi ma kienetx qed tintuza, huwa ma kienx qed ihallsilha l-insurance.

Fis-sena 2002, ir-rikorrenti jghid illi huwa ssepara u, wara s-separazzjoni, il-mara tieghu ghamlitlu mandat ta' sekwestru fuq kollox, u ta' dan huwa ppresenta Mandat ta' Inibizzjoni 873/03 datat 30 ta' Mejju 2003, akkordat dakinhar stess.

Xehed ukoll **Stephen Cachia**, rappresentant tal-Awtorita intimata, illi stqarr illi, skond ir-records ta' l-Awtorita, il-vettura XTC 100 ilha rregistrata f'isem r-rikorrenti mit-30 ta' Dicembru 1994 u l-ahhar licenzja valida fuq din il-vettura skadiet fil-31 ta' Dicembru 2002.

Dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni 873/03, x-xhud Cachia jghid illi l-Awtorita kienet rceviet dana il-Mandat, a kuntrarju ta' dak illi stqarret fir-risposta taghha. Mandanakollu, x-xhud sahaq illi, minkejja tali Mandat, r-rikorrent seta jiggaraxxja in-numri tal-vettura illi huwa ma riedx juza, fosthom il-vettura XTC 100, u l-Awtorita ma kienetx tqies tali garaxxjar tal-pjanci bhala trasferiment tal-vettura lill-terzi.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 873/03 ipprezentat mir-rikorrenti kif ukoll l-ittra ufficjali 3928/10 kif ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' Dicembru 2002 bejn ir-rikorrent u il-mara tieghu, Mary Rose Pulis, ipprezentat mix-xhud Cachia.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti jirrizulta ppruvat illi r-rikorrent kien issepara minn mal-mara fil-5 ta' Dicembru 2002. Tali separazzjoni kien jipprovdi ghas-separazzjoni bejn il-partijiet izda pprovda ukoll, fost affarjiet ohra, illi l-kumpannija XTC Towing Services Limited kellha tinqasam bejn il-konjugi Pulis b'mod illi ikollhom sehem indaqs fil-kumpannija.

Ghalkemm ma ngibietx prova f'dan is-sens, il-Qorti hija konvinta ukoll illi l-vettura meritu tal-kawza odjerna, ossija it-tow truck XTC 100 kienet tintuza ukoll fl-operazzjoni tal-kumpannija XTC Towing Services Limited.

Mill-provi prodotti jirrizulta ukoll illi l-vettura XTC 100 skaditilha il-licenzja fil-31ta' Dicembru 2002 filwaqt illi l-Mandat ta' Inibizzjoni 873/03 gie pprezentat fit-30 ta' Mejju 2003.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Jidher li l-premessi principali tar-rikorrenti huma tnejn: wiehed dwar l-ittra ufficjali u il-kontenut taghha u l-iehor fuq il-konsegwenzi tal-Mandat ta' Inibizzjoni 873/2000.

Dwar l-ewwel parti, ir-rikorrent ippremetta illi l-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010 ma hijiex daqstant cara fejn din tindika kemm huwa dovut. Apparti minn hekk, huwa jippremetti illi l-licenzja hija abbinata mal-assikurazzjoni u ghalhekk, la darba ebda assikurazzjoni thallset, allura l-licenzja ma hijex dovuta. Ir-rikorrenti finalment jippremetti ukoll illi l-ammonti indikati fl-ittra ufficjali ma humiex dovuti kemm ghax il-multa amministrattiva giet mahduma abbusivament kif ukoll ghax il-kontravenzjonijet ma

humiex dovuti peress illi l-vettura ilha ma tintuza ghal snin twal.

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tinnutax illi r-rikorrenti huwa korrett meta jghid illi l-ittra ufficjali naqqset milli tindika b’mod car kemm attwalment qieghed jigi rikjest mill-Awtorita’ intimata, u dana peress illi, *prima facie*, anke dina l-Qorti kienet kkonfuza kemm bid-dicitura tqila u komplikata ta’ l-ittra ufficjali kif ukoll bil-mod konfuz kif kienet redatta, partikolarment fejn din tirrigwarda dak minnha mitlub. Il-fatt illi l-Awtorita intimata ghazlet sabiex, fl-istess ittra ufficjali interpellatorja taghha, twissi lir-rikorrent li ghandu pendenzi ohra xi jhallas, certament ma setghetx tinftiehem facilment minn persuna normali, u, ikun fl-ahjar interess tal-utent illi, fil-futur, l-Awtorita tipprova tkun aktar ekonomika u diretta fil-kliem taghha meta tibghat l-Ittri Ufficjali taghha.

Madanakollu, minkejja tali fatt, il-premessi illi ghamel ir-rikorrent fir-rikors tieghu certament ma jistghux jintlaqghu positivvament minn dina l-Qorti. Dana jinghad ghax, l-ewwel u qabel kollox, ma huwiex minnu illi l-assikurazzjoni hija intrinsikament abbinata mal-licenzja tal-vettura peress illi l-Kap 65 mkien ma jipprovdi illi l-assikurazzjoni hija abbinata mal-hrug tal-licenzja tal-vettura. Dwar il-premessi rigwardanti il-hlasijiet tal-multa amministrattiva u tal-kontravenzzjonijiet, kif stqarret l-Awtorita stess, hija ma hijiex qieghda tfittex ghal hlas ta’ dawna l-flejjes, izda unikament tal-licenzji b’lura, u ghalhekk, il-Qorti ma hijiex ser tidhol fil-meritu dwar jekk dawna humiex dovuti jew le. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi hija kemmxejn difficli illi temmen illi vettura li, suppost ma kienetx qed tintuza fit-triq, ma kienetx attwalment fit-triq, u dana meta tara li hija wehhlet madwar elfejn u mitejn Ewro (€2,200) f’kontravenzjonijiet.

Ir-rikorrent, ghar-rigward it-tieni lanjanza principali tieghu, imbaghad ippremetta li l-mara tieghu, li minnha huwa kien isseparat, kienet intavolat Mandat ta’ Inibizzjoni kontra tieghu, bir-rizultat ta’ liema fatt huwa kien prekluz milli jaghmel kwalsiasi tip ta trasferiment tal-vetturi kollha

milquta bil-Mandat, fosthom il-vettura meritu tal-kaz odjern, ossija XTC 100.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-licenzja tal-vettura XTC 100 skadiet fil-31 ta' Dicembru 2002 filwaqt illi l-Mandat ta' Inibizjoni inhareg fit-30 ta' Mejju 2003.
Ir-rikorrent jghid illi, minhabba f'dana il-Mandat, huwa ma seta jaghmel xejn biex "jezimi ruhu minn kull responsabbilta' versu l-Awtorita' intimata". Il-Qorti, madanakollu, ma thossx illi dana huwa kompletament minnu.

Filwaqt illi l-Qorti hija certa li tali Mandat wassal ghall-diversi problem fit-tmexxija tal-kumpannija XTC Towing Services Limited, illi huwa kellu bi shab indaqs mal-mara tieghu, illi minnha huwa kien ghadu kif issepara, certament tali Mandat ma wassalx biex r-rikorrent ma jgeddidx il-licenzja jew jiggaraxxja in-numri.

Ix-xhud tal-Awtorita stqarr bl-aktar mod kategoriku illi l-fatt li huma kienu prekluzi milli jirregistraw kwalsiasi tip ta' trasferiment ta' vetturi milquta mill-Mandat ta' Inibizzjoni ma jfissirx illi n-numri ma setghux jigu ggaraxxjati mir-rikorrent sakemm il-kwistjoni tigi rizolta. Apparti minn hekk, jirrizulta ukoll illi l-vettura lanqas ma kienet licenzjata ghat-triq fil-mument illi nhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni, u dana peress illi l-Mandat inhareg fit-30 ta' Mejju 2003 filwaqt illi l-licenzja kienet skadiet ben hames xhur qabel, ossija fil-31 ta' Dicembru 2002.

Ghalhekk, l-argumenti imressqa mir-rikorrenti li huwa ma seta jaghmel xejn minhabba fil-Mandat ta' Inibizzjoni ma jregux.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti u tilqa l-eccezzjonijiet tal-Awtorita intimata u tordna illi l-Ittra Ufficjali Numru 3928/10 tigi reza

ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.

L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ l-ittra ufficjali fuq imsemmija, jigifieri mit-22 ta’ Settembru 2010 (vide fol 23)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------